MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 468/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Rita Criminale**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**JOSEPH SACCO**
**ANDREW PSAILA**
**ALBERT SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH SACCO** ta' tlieta w erbghin sena bin il-mejtin Salvu u Guseppa nee Spiteri, imwieled l-Qrendi nhar s-sbatax ta' Jannar 1956 u joqghod 18, Triq l-Imqabba, l-Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 77856M, **ANDREW PSAILA** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Karmenu u Rita nee Grixti, imwieled Pieta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 1974 u residenti 'St. Rita', Trqi Geo Rocco Battista, Zurrieq, detentur tal-karta tal-

identita 562074M u **ALBERT SAMMUT** ta' disgha w erbghin sena bin France u Maria nee Debono, imwieled San Giljan nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 1950 u residenti Plot 100, Triq Guze Borg, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 310950M gew mressqa quddiemha akkuzati

1. talli fis-sbatax ta' Gunju 1999 ghall-habta ta' l-erbgha u tmien minuti ta' filghodu, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, voluntarjament ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victor Caruana skond kif iccertifika Doctor C. Fava mill-Paola Health Centre waqt li Victor Caruana kien qed jaghmel dmiru bhal Ufficjal Pubbliku;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament ingurjaw, heddew jew ghamlu offizi fuq il-persuna ta' Victor Caurana bil-hsieb li jghamlulu hsara waqt li kien inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta plc, liema hsara ma teccidix l-hames mitt lira maltin izda teccedi l-hamsin lira maltin;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hebbew ghal persuna ta' Victor Caruana sabiex jingurjawh, jhedduh jew jaghmlulu hsara;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma dorbuh jew sawwtuh, voluntarjament heddewh bi hwejjeg iebsin jew waddbuhom kontra l-istess Victor Caruana;

7. **JOSEPH SACCO wahdu** talli sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija nhar s-sitta ta' Lulju 1978 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar t-tmintax ta' Marzu 1988 minn Awla AI tal-Qorti tal-Magistrati (Malta),

nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1992 minn Awla F tal-Qorti tal-Magistrti (Malta) u nhar il-hmistax ta' Jannar 1998 minn Awla 14 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta0.

8. **ANDREW PSAILA wahdu** talli sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1996 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

9. **ALBERT SAMMUT wahdu** talli sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija nhar s-sittax ta' Novembru 1990 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza, nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Lulju 1999 esibit fl-atti a fol 17 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referuta kif registrat fl-atti fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 1999, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi **dwar l-ewwel, l-hames w s-sitt akkuza**, il-Qorti semghet lil **Victor Caruana jixhed** nhar sitta w ghoxrin ta' Lulju 1999 kif jirrizulta a fol 25 et seq tal-atti fejn qal li hu ma kienx qed jinsisti fuq il-proceduri kriminali vigenti fil-konfront tal-imputat odjern u konsegwentement kien qed jirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront ta' Victor Caruana. Id-Difiza ghalhekk sostniet fid-difza taghha li dawn t-tlett akkuzi ghandhom jigu dikjarati bhala prodediment ezawrit stante r-rinuznja da parti tal-kwerelat.

Il-Prosekuzzjoni ma qablitx ma dak sottomess mid-difiza ghaliex fil-fehma taghha, Victor Caruana ma kienx qed jixhed de proprio izda bhala Ufficjal Pubbliku u ghalhekk ma setghax jirrinunzja ghal azzjoni kriminali.

Illi bir-rispett kollu li din il-Qorti ghandha lejn il-Prosekuzzjoni, dan l-argument taghha ma jregix ghaliex mhux konfortat bil-ligi.

**Dwar l-ewwel akkuza** u cioe dik naxxenti mill-atrikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, hija marbuta mas-sub artikolu 4 tal-istess artikolu 221 li jghid li ebda procedura ma tista tigi inizjata jekk mhux a basi tal-kwerela tal-vittma.  Issa f'dan il-kaz, stante rinunzja, din tfisser li l-kwerela qed tigi rinunzjata u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit fir-rigward ta' din l-istess l-ewwel akkuza**.

**Dwar l-hames akkuza**, u cioe dik naxxenti mill-artikolu 339(d) tal-Kap 9 u cioe talli hebb kontra persuna ohra, il-Qorti rat s-sub artikolu 2 tal-artikolu 339 tal-Kap 9, li wkoll jipprovdi li ebda procedura ma tista tigi inizjata jekk mhux a basi ta' rapport tal-kwerelat, u hawnhekk wkoll l-kwerelat irrinunzja ghal azzjoni kriminali u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta' din l-istess hames akkuza**.

Illi d-difiza sostniet li **r-raba w s-sitt akkuza** jinstabu preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti fliet il-process bir-reqqa u nnotat li bejn s-seduta tad-dsatax ta' Lulju 2000 [fol 102] w is-seduta tas-sitta ta' Dicembru 2000 [fol 108] l-imputat Albert Sammut ma deherx u bejn il-perjodu ta' bejn t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2001 [fol 110] sat-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2001 [fol 118] l-imputati Andrew Psaila u Joseph Sacco ma kienux gew notifikati biex jidhru l-Qorti u konsegwentement, peress li bejn dawn l-perjodi ndikati ta' tlet xhur, l-imputati ma kienux gew notifikati bis-seduti tal-Qorti, l-eccessjoni tad-difiza tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 fil-konfront ta' dawn iz-zewg akkuzi u cioe r-raba w s-sitt akkuza, qed tigi wkoll milqugha.

Ghalhekk jibqa biss **t-tieni, t-tielet, s-sebgha, t-tmien u d-disgha akkuza**, u cioe dawk tal-ingurji jew theddid

kontra Ufficjal Pubbliku u offizi fuq il-persuna taghhom u hsara voluntarja fuq proprjeta tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u r-recidiva.

**Dwar t-tieni akkuza** u cioe dik ta' ingurji u theddid fuq Ufficjal Pubbliku, id-Difiza sostniet li l-imputati fl-ebda hin ma heddew jew insulentaw lil persuna fil-kapacita taghha ta' Ufficjal Pubbliku waqt li fil-qadi ta' dmirijietu.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-kliem tal-ligi u fl-artikolu 95 insibu il-kliem "**jingurja, jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku**."

Kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnax ta' Dicembru 1936*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emmanuele Cassar**, ***kif riprodotta fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**;

*"Biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkun mghaduda lil wiehed li ghandu kwalifikat ta' Ufficjal Pubbliku u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Hemm bzonn li l-kliem [jew gesti, kitba, disinji ecc. jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif wkoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi Ufficjal Pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali [formali] cioe dan l'animus injuriandi, jigi presunt u dan isir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti, jkunu ngurjanti, cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk pero il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghal persuna li lilha kienu diretti u li ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu."*

Issa mill-provi prodotta, b'mod partikolari mix-xhieda li ta Victor Caruana nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1998, l-imputati ma heddewhx jew ingurjawh. Kienu aggresivi mieghu fis-sens li sgassaw il-bieb ghal fuqu. Illi dan l-agir ahhari tal-imputati jammonta ghal dak li jiddisponi l-artikolu 96 tal-Kap 9 u cioe attakk jew resistenza fuq Ufficjal Pubbliku pero l-imputati ma gewx akkuzati b'dan r-reat u ghalhekk il-Qorti ser tieqaf hawn.

Dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja, jirrizulta bla dubbju ta' xejn l-agir voluntarju tal-inputat meta tefghu flixkun mal-bieb tal-kamra li kien rieqed fih Victor Caruana u sgassaw l-bieb; sahansitra nqala mic-caccis u spicca bl-lock miksru u bil-pum maqlugh.

Illi mix-xhieda ta' Vincent Farrugia bhala Assistant Manager Security mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-bieb biex gie mibdul, sewa mija u hames liri maltin bil-VAT inkluz u b'hekk ma hemmx dubbju li tali akkuza ta' hsara voluntarja tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti. Illi la x-xhieda ta' Victor Caruana u lanqas dik ta' Vincent Farrugia ma gew kontradetti mill-imputat li ghazlu li ma jixhdux kif kellhom kull dritt li jghamlu.

**Dwar r-recidiva fil-konfront** tat-tlett imputati, il-Qorti ezaminat il-process u nnotat li fl-atti, sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hmistax ta' Jannar 1998 fil-konfront ta' **Joseph Sacco** ma gietx ppresentata fl-atti u konsegwentement **tali akkuza ma gietx ppruvata** fil-konfront tal-istess imputat Joseph Sacco.

Fil-konfront tal-imputat Albert Sammut u Andrew Psaila, is-sentenza msemmija mill-Prosekuzzjoni fl-akkuza u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990 fil-konfront tal-imputat Albert Sammut, tinsab esibita a fol 90 markata bhala dokument AB 4, filwaqt li fil-konfront tal-imputat Andrew Psaila tinsab esibita a fol 94 markata bhala dokument AB 5. Illi dawn iz-zewg sentenzi gew ikkonfermati mill-allura Supretendent, illum Assistant Kummissarju Emanuel Cassar fil-konfront tal-imputat Albert Sammut nhar d-dsatax ta' Lulju 2000 [fol 100] filwaqt li l-Ispettur Anthony

Cassar ikkonferma l-identita tal-imputat rigward din is-sentenza nhar d-dsatax ta' Lulju 2000 [fol 102].

**Illi ghalhekk, ma hemmx dubbju li l-imputati Albert Sammut u Andrew Psaila huma recidivi.**

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 49, 50, 221(1), 95, 325(b), 338(dd), 339(d), 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH SACCO hati tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' sittin lira maltin, lil imputat ANDREW PSAILA hati tat-tielet w s-sebgha akkuza u tikkundanah multa komplessiva ta' mitt lira maltin u lil imputat ALBERT SAMMUT hati tat-tielet w s-sebgha akkuza u tikkundannah multa komplessiva ta' mitt lira maltin.**

**Tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel, t-tieni u l-hames akkuza stante rinunzja da parti ta' Victor Caruana u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn t-tlett akkuzi.**

**Tiddikjara r-raba w s-sitt akkuza preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn z-zewg akkuzi.**

**Tiddikjara li ma ssibx lil imputat Joseph Sacco mhux hati tas-sebgha akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------